MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 184/2010

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li hu kellha mal-konvenuta, twieled it-tifel Garett B fis-7 ta’ Novembru 2008; li l-konvenuta qabdet u telqet minn Malta bil-minuri ad insaputa ta’ l-attur; li l-attur beda proceduri barra minn Malta sabiex il-minuri jigi ritornat lura Malta; li l-attur irid li hu jkollu l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ghax irid li ibnu jkollu hajja stabbli fejn ikun kuntent u jkun hemm min jiehu hsiebu tajjeb; li l-attur ottjeni d-debita awtorizzazzjoni skond il-ligi biex iressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tafda l-kura u kustodja tal-minuri Garrett B lil l-attur, tordna li l-konvenuta taghti manteniment ghat-

tifel minuri, li l-konvenuta jkollha access ghall-minuri; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta, qed tichad li hi telqet barra minn Malta bil-minuri ad insaputa ta' l-attur, u qed titlob li, "ghalkemm ser tkompli tghix gewwa l-Ingilterra, hi tixtieq li tigi fdata fil-kura u kustodja tal-minuri sabiex dan ikun jista' jghix maghha gewwa l-Ingilterra."[1];

Rat il-kontro-talba maghmula mill-konvenuta rikonvenzjonanti, u li tinsab inserita a fols. 71 sa 73 tal-process [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata ta' l-attur rikonvenzjonat, u li tinsab inserita a fols.77 sa 78 tal-process [Appendici B];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet kontenenti punti ta' ftehim milqugh bejniethom, u li permezz taghha l-partijiet talbu li l-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghad-data tallum;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna u tal-kontro-talba relattiva l-partijiet qed jitlobu li din il-Qorti takkodra lilhom il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Garrett B li twieled fis-7 ta' Novembru 2008; kif ukoll sabiex il-parti l-ohra tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess minuri. Inoltre, il-konvenuta qieghda titlob li din il-Qorti tawtorizzaha li tibqa' tghix l-Ingilterra mal-minuri.

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li minn relazzjoni bejn il-partijiet twieled l-imsemmi tifel fid-data fuq indikata.  Jidher li l-konvenuta ad insaputa ta' l-attur telqet bit-tifel lejn l-

[1] Fol.53

Ingilterra bil-ghan li tistabbilixxi r-residenza taghha u tat-tifel hemmhekk. Wara proceduri quddiem il-qrati Inglizi, it-tifel intbaghat lura Malta sabiex il-vertenza dwar il-kura u kustodja tigi rizolta mill-qrati Maltin.

Illi fil-mori tal-proceduri l-partijiet talbu li din il-Qorti, wara li tara l-atti u tiehu konjizzjoni tal-provi migjuba sa dak in-nhar, tipprovdi pendente lite dwar il-kura u kustodja tal-minuri u l-access.

**Digriet Provvizorju**

Illi permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Gunju 2011 fuq rikors tal-konvenuta[2], il-Qorti provdiet hekk:

[1] Il-kura u kustodja tal-minuri Garrett B tkun fdata f' idejn il-missier, izda decizjonijiet dwar l-edukazzjoni u sahha tal-minuri jittiehdu konguntivament; [2] Hadd mill-partijiet ma' jista' johrog lill-minuri barra mill-pajjiz, jekk mhux bl-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti; [3] L-access favur l-omm ikun kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis mit-8.00am sat-8.00pm; u t-tifel jingabar ghall-access minn-nanniet [materni] jew mill-omm, anke jekk l-omm tkun imsiefra, u dan stante li hu fl-interess tal-minuri li jkollu relazzjoni pozittiva man-nanniet materni.

[2] Il-missier rapprezentat mid-difensur tieghu irrinunzja ghall-manteniment tat-tifel fl-udjenza tallum u mpenja ruhu li jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tifel inkluzi spejjez, edukazzjoni u sahha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel u t-tielet talba, billi takkorda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri lill-attur bi dritt ta' access favur l-omm fit-termini u kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Digriet'; u li decizjonijiet importanti dwar l-edukazzjoni u sahha tal-minuri jittiehdu konguntivament jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

[2] Prezentat fil-21 ta' Frar 2011

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li l-attur mhux qed jinsisti ghall-hlas ta’ manteniment, u ma ngabux provi fir-rigward;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tichad l-ewwel u t-tieni talba;

[2] tilqa’ t-tielet u r-raba’ talba fit-termini u gja fuq deciz;

Spejjez ta’ l-azzjoni u tal-kontro-talba jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------